



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 19 ta' Novembru 2018
(OR. en)

13960/18

COAFR 279
CFSP/PESC 1050
CSDP/PSDC 660
DEVGEN 211
MIGR 190
COHOM 143
COHAFA 101

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Delegazzjonijiet

Suġġett: L-Etjopja - konklużjonijiet tal-Kunsill (19 ta' Novembru 2018)

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Etjopja kif adottati fit-3652 laqgħa tal-Kunsill fid-19 ta' Novembru 2018.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Etjopja

1. L-Etjopja rat bidla importanti ħafna. Ir-riformi politiċi u ekonomiċi ħadu impetu ġdid taħt it-tmexxija tal-Prim Ministru Abiy Ahmed. L-aġenda ambizzjuża tiegħu għal soċjetà Etjopjana aktar demokratika u ġusta hija eżempju pożittiv għar-reġjun u lil hinn minnu.
2. Il-Kunsill jilqa' l-impenn tal-Gvern tal-Etjopja għal demokrazija b'diversi partiti, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, l-istat tad-dritt u l-ugwaljanza bejn is-sessi. Il-ħatra reċenti ta' Sahle-Work Zewde bħala President u n-nomini ta' 50% nisa fil-kabinett mill-Prim Ministru, li jippromwovu r-rwol tan-nisa fis-soċjetà Etjopjana, jirrappreżentaw passi importanti u ta' inkoraġġiment lejn grad akbar ta' ugwaljanza bejn is-sessi u l-inklussività. Il-Kunsill iħeġġeġ lill-Gvern biex ikompli bl-isforzi tiegħu f'dan ir-rigward u lejn l-iżvilupp ta' dialogu inklussiv mal-partijiet interessati kollha, inkluż l-awtoritajiet federali u reġjonali, il-gruppi fl-oppożizzjoni, is-soċjetà ċivili, il-gruppi taż-żgħażaġh u l-media, rigward soluzzjonijiet sostenibbli lejn governanza, ġustizzja u responsabbiltà, elezzjonijiet, ħolqien ta' impjiegi aħjar, u l-isfidi għas-sigurtà. L-UE tinsab lesta tappoġġa lill-Etjopja fil-ħidma kontinwa tagħha biex tiżgura r-rispett għad-drittijiet fundamentali tal-libertà tal-opinjoni, l-espressjoni u l-aċċess għall-informazzjoni, id-dritt tal-assemblea, sabiex titrawwem it-tolleranza reliġjuża u tiġi salvagwardata l-integrazzjoni tas-sessi, jiġu promossi l-edukazzjoni u l-abilitazzjoni tan-nisa u l-bniet, tiġi eliminata kull forma ta' vjolenza kontra n-nisa, ukoll fid-dawl tal-elezzjonijiet li jmiss li għandhom ikunu inklussivi, kredibbli u trasparenti.

3. Il-Kunsill jilqa' b'sodisfazzjoni t-tħabbira ta' riformi li l-għan tagħhom hu li jagħtu ħaġġa għda lill-ekonomija permezz ta' titjib fil-klima tal-investment, it-tisħiħ tar-rwol tas-settur privat, l-involvement f'mekkaniżmi multilaterali ta' kummerċ ħieles, ir-riforma ta' intrapriżi statali ewlenin u biex dawn jinfetħu għall-kompetizzjoni u l-parteċipazzjoni barranija, u t-tqegħid tal-ekonomija fuq triq fiskalment sostenibbli. Il-Kunsill ihegħegħ lill-Gvern biex jimplimenta r-riformi mħabbra. Dawn il-miżuri, flimkien mal-parteċipazzjoni fil-Patt immexxi mill-G20 bl-inizjattiva tal-Afrika, għandu jikkontribwixxi għall-indirizzar tal-bżonn kruċjali tal-ħolqien ta' impjegi f'pajjiż fejn żewġ terzi tal-popolazzjoni huma taħt it-tletin sena. L-UE, li hija sieħeb ewlieni fil-kummerċ u l-investment mal-Etjopja, ser tintensifika l-appoġġ tagħha f'oqsma relatati mal-ħolqien ta' impjegi, l-industrija u l-parks agroindustrijali, il-promozzjoni tal-esportazzjoni u l-kummerċ kif ukoll l-iżvilupp tas-settur privat. L-"Alleanza Afrika-Ewropa għall-Investment u għall-Impjegi Sostenibbli" proposta reċentement, tippromwovi qafas imsaħħaħ ta' appoġġ għat-trasformazzjoni ekonomika tal-Etjopja.
4. Tul l-aħħar żewġ deċennji, l-Etjopja għamlet titjib importanti biex jonqos il-faqar estrem u biex jizzied l-aċċess għal servizzi soċjali bażiċi. Madankollu, minkejja l-isforzi sinifikanti tal-Gvern, għad hemm sfidi serji għall-iżvilupp, inkluż l-insikurezza alimentari u n-nuqqas ta' nutrizzjoni. L-UE kienet dejjem alleat sod fl-appoġġ tagħha għall-Etjopja permezz tal-kooperazzjoni tal-UE għall-iżvilupp, kif ukoll permezz tal-Pjan ta' Investment Ewropew u tal-Fond Fiduċjarju tal-UE għall-Afrika. L-Impenn Strateġiku bejn l-UE u l-Etjopja, iffirmat f'Ġunju 2016, żied is-sinifikat politiku ta' din is-sħubija. Il-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa ta' appoġġ għall-aġenda ta' riforma tal-Gvern. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser iżidu l-koordinament permezz tal-eżerċizzju ta' Programmazzjoni Konġunta sabiex l-appoġġ mill-UE għall-aġenda ta' riformi jkun aktar sinifikattiv u effettiv. Għandu jiġi enfasizzat ulterjorment li dawn l-isforzi kollha jeħtieġ li jsiru fir-rigward tal-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli tal-Aġenda 2030, kif ukoll fid-dawl tal-Ftehim ta' Pariġi.

5. Nuqqas ta' sigurtà u żieda fi vjolenza etnika qed iwasslu għal spostament rapidu u fuq skala kbira, u b'hekk iżidu l-isfidi umanitarji eżistenti u jippreżentaw riskju għall-proċess ta' riforma. Is-sitwazzjoni umanitarja hija ferm preokkupanti. Il-Kunsill jappella għal trażżin min-naħat kollha, jinkoraġġixxi lill-Gvern jipprovdi sigurtà u aċċess ugwali għas-servizzi għal kulħadd, u jenfasizza l-ħtieġa li jiġu rrispettati u sostnuti d-drittijiet tal-bniedem waqt li jiġu indirizzati dawn il-kwistjonijiet. Il-Kunsill jissottolinja l-ħtieġa li jitkomplew l-isforzi biex it-tensjonijiet interni jiġu solvuti b'mod paċifiku. L-UE u l-Istati Membri tagħha qed jipprovdu appoġġ umanitarju għal aktar minn 2.7 miljuni persuni spostati internament madwar il-pajjiż. Il-Kunsill jenfasizza li r-ritorn ta' persuni spostati internament għandu jseħħ fuq bażi volontarja u sikura u ladarba l-kondizzjonijiet neċessarji jkunu fis-seħħ. Aċċess umanitarju mingħajr xkiel għandu jkun żgurat f'oqsma ta' spostament u ritorn.
6. Il-Kunsill jappoġġa r-rwol ewlieni tal-Etjopja fil-proċess reġjonali tal-Qafas ta' Rispons Komprensiv għar-Refuġjati (CRRF) bħala t-tieni l-akbar pajjiż fl-Afrika li jospita r-refuġjati. Sabiex tkun possibbli l-implementazzjoni tal-impenji ambizzjużi tal-Etjopja, il-Kunsill ihegġegħ lill-Etjopja biex tagħmel urġentement progress b'rabta mal-adozzjoni tal-proklamazzjoni dwar ir-refuġjati. Il-Kunsill jilqa' wkoll il-kooperazzjoni bejn l-UE u l-Etjopja dwar il-migrazzjoni u l-ispostament sfurzat, u jfaħħar l-Etjopja għar-rwol kostruttiv tagħha fil-Proċess ta' Kartum u s-segwitu għas-Summit tal-Belt Valletta. Il-Kunsill jilqa' d-deċiżjoni li ċ-ċittadini ta' pajjiżi Afrikani jingħataw viża malli jaslu bħal pass lejn integrazzjoni reġjonali u kontinentali.

7. Il-Kunsill jilqa' l-approċċ il-ġdid għal kwistjonijiet reġjonali promoss mill-Prim Ministru Abiy li jiftaħ opportunità unika għal kooperazzjoni akbar, relazzjonijiet tajbin ta' viċinat u integrazzjoni ekonomika fil-Qarn tal-Afrika u lil hinn. Il-Kunsill jilqa' b'mod partikolari l-ftehimiet ta' paċi storiċi bejn l-Eritrea u l-Etjopja, u jinsab lest li jappoġġa l-implimentazzjoni kontinwa ta' dawn il-ftehimiet permezz ta' strumenti u mekkaniżmi rilevanti. Il-Kunsill jilqa' wkoll l-impenn għal kooperazzjoni komprensiva li sar mill-Etjopja, l-Eritrea u s-Somalja - ħaġa li tiftaħ ukoll prospettivi għal ambjent aħjar għall-bini tal-istat fis-Somalja. B'kont meħud tal-involviment miżjud bejn l-Eritrea u l-Djibouti, il-Kunsill jissottolinja l-importanza li jitkomplew l-isforzi lejn in-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet tagħhom, li jista' jikkontribwixxi għat-tisħiħ tad-dimensjoni inklussiva tar-rikonċiljazzjoni reġjonali. Il-Kunsill japprezza r-rwol tal-Etjopja f'dan ir-rigward u jinkoraġġixxi lill-Etjopja tkompli toffri faċilitazzjoni tad-djalogu bejn l-Eritrea u Djibouti. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jilqa' d-deċiżjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU li ttemm il-miżuri restrittivi kontra l-Eritrea. Il-Kunsill jinnota b'mod pożittiv it-taħditiet trilaterali li għaddejjin bħalissa bejn l-Eġittu, l-Etjopja u s-Sudan dwar id-Diga Grand Ethiopian Renaissance. Il-Kunsill ifaħħar ukoll il-mexxejja tar-reġjun għat-tmexxija u l-kuraġġ tagħhom biex isolvu tilwim u jħeġġiġhom ikomplu l-isforzi tagħhom bil-ħsieb li jinfetaħ kapitolu ġdid ta' kooperazzjoni fil-Qarn tal-Afrika. L-UE tinsab lesta li tappoġġa l-isforzi tagħhom, billi tuża l-istrumenti disponibbli kollha bi-għan li tagħti spinta 'l quddiem lill-kooperazzjoni reġjonali fir-rigward tal-paċi u s-sigurtà u lill-integrazzjoni ekonomika reġjonali.
8. Dan il-momentum il-ġdid għandu jintuża biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn is-sħab fil-Qarn tal-Afrika, u b'mod partikolari biex tiżdied aktar l-effettività tal-Awtorità Intergovernattiva għall-Iżvilupp (IGAD) biex tipprovdi tweġiba kollettiva għall-opportunitajiet il-ġodda li qed iqumu fir-reġjun. F'dan il-kuntest, l-UE tistenna b'interess il-kooperazzjoni kontinwa tagħha mal-IGAD u li l-Eritrea tkun riintegrata fl-organizzazzjoni.

9. Dan il-mument pożittiv joffri wkoll opportunità unika għall-atturi rilevanti madwar il-Baħar l-Aħmar biex jintensifikaw id-djalogu u l-kooperazzjoni. L-UE tinsab lesta biex tinvolvi ruħha f'dan ir-rigward u taqsam l-esperjenza tagħha fejn rilevanti, bl-għan li tappoġġa u tgħaqqad flimkien sforzi u inizjattivi minn ġewwa r-reġjun immirati lejn it-tisħiħ tad-djalogu u l-kooperazzjoni dwar firxa wiesgħa ta' kwistjonijiet ta' interess komuni u kondiviż.
-